# SEJĦA GĦALL-AZZJONI

## Nissalvagwardjaw l-Industrija Ewropea tal-Azzar u l-Metalli

April 2026

---

Il-firmatarji qed jappellaw lill-gvernijiet nazzjonali tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea biex jassiguraw il-ktajjen tal-valur tal-azzar u tal-metalli Ewropej permezz ta' azzjoni immedjata u deċiżiva. Jekk ma jiġux implimentati miżuri fil-pront, l-Ewropa se taffaċċja proċess rapidu ta' deindustrijalizzazzjoni.

---

**L-Ewropa għandha bżonn miżuri tal-kummerċ effettivi u li jistgħu jiġu applikati b'mod immedjat ISSA**

Dawn jinkludu tariffi biex jiġi stabbilizzat is-suq Ewropew tal-azzar u tal-prodotti li jagħmlu użu qawwi mill-azzar. Dawn u miżuri oħra ulterjuri jridu jkunu allinjati mal-livell tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ diġà introdotti minn imsieħba kummerċjali bħall-Istati Uniti u l-Kanada.

**Kundizzjonijiet ġeopolitiċi li nbidlu b'mod fundamentali jeħtieġu aġġustamenti tal-politika**

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ġie żviluppat fi żmien ta' stabbiltà ġeopolitika relattiva. Illum, l-UE qed taffaċċja kunflitti tal-kummerċ, kompetizzjoni inġusta, importazzjonijiet issussidjati li qed jiżdiedu b'mod rapidu u spejjeż tal-produzzjoni li dejjem qed jibqgħu jogħlew. Bħala riżultat, il-manifatturi tal-azzar u ta' prodotti li jagħmlu użu qawwi mill-azzar—u għalhekk, ktajjen tal-valur sħaħ fl-Ewropa—jinsabu f'riskju b'mod akut.

**Niksbu l-miri tal-klima tal-UE filwaqt li nippreservaw il-kompetittività**

Il-firmatarji jappoġġaw bis-sħiħ l-objettivi tal-klima tal-UE. Madankollu, il-kisba ta' dawn l-għanijiet teħtieġ qafas kompetittiv fuq livell globali ġust li jippermetti lill-kumpaniji Ewropej iwettqu d-dekarbonizzazzjoni filwaqt li jibqgħu kompetittivi fuq livell internazzjonali.

**Materjali u komponenti strateġiċi jridu jkunu "Magħmulin fl-UE"**

Bl-istess mod bħal kompetituri bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Istati Uniti, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jridu jiddefinixxu rekwiżiti ċari ta' "Magħmulin fl-Ewropa" għal materjali strateġiċi bħall-azzar u prodotti kritiċi oħrajn. Dan irid ikun akkumpanjat minn prezzijiet tal-enerġija kompetittivi kif ukoll suq tax-xogħol fil-mira u politiki industrijali sabiex tiġi assigurata s-sigurtà tal-provvista, jiġu mrawma l-innovazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni u jiġu ssalvagwardjati l-kapaċitajiet industrijali u l-impjiegi industrijali fl-UE.

**Nipprevjenu t-telf tal-impjiegi u dipendenzi ġodda fuq pajjiżi mhux tal-UE**

Mingħajr azzjoni deċiżiva u immedjata, l-Ewropa qed tirriskja li titlef aktar minn 13-il miljun impjieg dirett fl-industrija tal-azzar u tal-metalli. Barra minn hekk, sa 65 miljun impjieg ieħor jiddependu b'mod indirett

fuq dan is-settur. Telf bħal dan joħloq dipendenzi ġodda fuq pajjiżi mhux tal-UE u joħloq piż kbir fuq is-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Ewropa. Tnaqqis ekonomiku ta' din l-iskala jista' jwassal ukoll għal taqlib soċjali u jipperikola l-istabbiltà demokratika tal-kontinent.

---

Il-firmatarji qed jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw il-pakkett ta' miżuri deskritt hawn isfel sabiex jissalvagwardjaw u jirrivitalizzaw il-ktajjen tal-valur tal-azzar u tal-metalli Ewropej.

---

**Difiża tal-Kummerċ**

- Reġim tal-kummerċ ġdid sabiex jiġu mwettqa l-miżuri għas-salvagwardjar tal-industrija tal-azzar tal-UE: L-introduzzjoni ta' tariffi u kwoti tariffarja għal derivati tal-azzar u prodotti li jagħmlu użu qawwi mill-azzar
(kodiċi CN 73–95)
- Objettiv: Niżguraw il-kompetizzjoni ġusta u nipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni

**Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM)**

- L-estensjoni ta' CBAM għal derivati tal-azzar u prodotti li jagħmlu użu qawwi mill-azzar
- Objettiv: Nipprevjenu t-trasferiment tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-azzar għal prodotti downstream u nwaqqfu r-rilokazzjoni tal-ħolqien tal-valur Ewropew għal pajjiżi mhux tal-UE

**"Magħmulin fl-UE"**

- Il-prijoritizzazzjoni ta' prodotti u servizzi magħmulin fl-Ewropa fl-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi u fl-iskemi ta' finanzjament (inklużi proġetti infrastrutturali, l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, l-inċentivi tat-taxxa għal flotot korporattivi u l-appoġġ għal mobilità elettrika)
- Objettiv: Nippreservaw l-awtonomija strateġika, l-għarfien espert industrijali u l-impjiegi

**Miżuri ta' Għajnuna għall-Ispejjeż**

- Innaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku industrijali fl-UE għal massimu ta' 5 ct/kWh
- Nirrevedu s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u nadottaw approċċ b'pass aktar gradwali fir-rigward tat-tneħħija ta' kwoti bla ħlas taħt is-CBAM
- Innaqqsu l-burokrazija fil-livell tal-UE u nazzjonali (sospensjoni ta' regolamenti addizzjonali u korrezzjoni ta' regoli eżistenti)
- Objettiv: Inżommu l-kompetittività internazzjonali

Din is-sejħa tirrifletti l-pożizzjoni unanima tal-kumpaniji u tal-partijiet ikkonċernati involuti fil-ktajjen tal-valur tal-azzar u tal-metalli Ewropej kollha.

Dawn li ġejjin huma l-firmatarji:

| | | |
|---|---|---|
| xxxxxxxxxx | xxxxxxxxxxx | xxxxxxxxxxxx |
| xxxxxxxxxx | xxxxxxxxxxx | xxxxxxxxxxxx |